# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa numru 48 - Laqgha b'urġenza

**10 ta' Ġunju 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Saviour Borġ – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farruġia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ ippresjeda l-Laqgħa.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

48.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Minħabba li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija, il-Laqgħa tkompliet skont l-Aġenda.

## 48.2 Sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

48.2.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li fakkar li fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill li nżammet b'urġenza nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019 sabiex tiġi trattata din il-materja kien ġie deċiż li tinħareġ is-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv fil-Gazzetta tal-Gvern, għarraf lill-membri preżenti li din is-sejħa kienet eventwalment ġiet pubblikata l-Ġimgħa, 10 ta' Mejju 2019 u kienet damet miftuħa sal-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2019, lejlet l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, u li l-Bord tal-Għażla li kien inħatar f'dik l-istess Laqgħa, kien ukoll iltaqa' darbtejn kemm sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet tal-applikanti interessati, kif ukoll sabiex inżammu l-intervisti mal-applikanti li kienu ġew misjuba eleġibbli. Għaldaqstant, stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo sabiex jinforma lill-membri preżenti bil-proċess kollu li sar.

48.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li afferma dak kollu li kien ntqal mis-Sindku, ta spjega dettaljata tal-proċess kollu għall-benefiċċju tal-membri preżenti li ma kienux jiffurmaw parti mill-Bord tal-Għażla fejn għarrafhom li sad-data tal-għeluq tas-sejħa, il-Kunsill Lokali Fontana kien irċieva erbgħa(4) applikazzjonijiet mingħand is-Sinjuri Justin Agius, Ryan Debrincat, Neville Galea u Ivan Attard.

48.2.3 Wara, s-Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll r-rapport tal-Bord tal-Għażla fejn hemm dettaljat il-proċess kollu tal-Bord tal-Għażla kif ukoll fisser il-marki kif ingħataw filwaqt li temm l-intervent tiegħu billi għarraf lill-membri preżenti li l-Bord tal-Għażla qiegħed jirrakkomanda lis-Sur Ryan Debrincat sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Fontana minħabba li ġab l-akbar ammont ta' marki minn fost it-tlett kandidati l-oħra li attendew għall-intervista minħabba li kien hemm kandidat minnhom li ma kienx attenda għall-intervista.

48.2.3 Wara diskussjoni interessanti fost il-membri, il-Kunsill approva r-rapport tal-Bord tal-Għażla u nkariga lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jippubblika r-riżultat fin-*Notice Board* tal-Kunsill Lokali Fontana, kif ukoll jinforma bir-riżultat lill-applikanti kollha u jgħarraf lis-Sur Ryan Debrincat dwar jekk jaċċettax jew mod ieħor din il-ħatra filwaqt li jagħtih erbgħa u għoxrin(24) siegħa żmien sabiex jgħarraf lill-Kunsill bid-deċiżjoni tiegħu biex il-Kunsill Lokali jkun jista' jinforma b'din id-deċiżjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jinbeda l-proċess tal-ħatra tiegħu minnufih.

48.2.3 Minħabba l-urġenża biex jinħatar is-Segretarju l-ġdid peress li l-iskrivan tal-Kunsill kien ser jirriżenja mix-xogħol tiegħu proprju fi ftit ġranet biss, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jawtorizzah jgħarraf lill-kandidat li ġie t-tieni u t-tielet f'każ li tal-ewwel jew tat-tieni jirrifjutaw il-ħatra u dan sabiex jiġi evitat li jkollu jitlaqqa' il-Kunsill Lokali sabiex japprova din id-deċiżjoni kemm minħabba li f'dawn il-ġranet fil-Lokalità ser tkun qegħda tiġi ċċelebrata l-Festa Titulari, kif ukoll sabiex ma jintilifx żmien għal xejn.

48.2.4 Il-membri approvaw it-talba tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv filwaqt li talbuh jgħarrafhom b'kull korrispondenza li jkun irċieva b'rabta ma' dawn il-ħatriet sabiex ikunu nfurmati b'kull deċiżjoni f'kull ħin.

## 48.3 Preżentazzjoni tal-*Management Report* għas-sena 2018.

48.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li l-*Accountant* tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ma setax jattendi għal-Laqgħa biss wiegħed li ser ikun dispost xorta waħda f'każ ta' ħtieġa.

48.3.2 Għaldaqstant il-membri qabblu li għandu jsir kollegament miegħu waqt il-Laqgħa u għalhekk saret telefonata *viva voce* miegħu sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jistghu jisimgħu l-intervent tiegħu filwaqt li jekk tinħass il-ħtieġa saħansitra jiddiskutu miegħu xi punti ukoll.

48.3.3 Is-Sur Galea filwaqt li ippreċiża għall-benefiċċju tal-membri preżenti li għalkemm id-data tal-*Management Letter* kienet l-24 ta' April 2019, li effettivament hi d-data meta fil-verità l-Kunsill Lokali Fontana approva l-*Financial Statements*, il-Kunsill kien irċieva l-istess ittra fit-28 ta' Mejju 2019 jiġifieri ħafna aktar tard tant li l-Kunsill għadu fiż-żmien li jirrispondi l-ittra, spjega li l-Awdituri kienu bħal dejjem semmgħu l-punti tas-soltu u li jelenkaw lil kull Kunsill filwaqt li irrimarkaw biss li l-Kunsill ma kienx preżenta l-irċevuti fiskali kollha mitluba.

48.3.4 Wara intervent mis-Sindku u numru ta' Kunsilliera li xtaqu jkunu jafu liema kienu dawn l-irċevuti fiskali nieqsa sabiex jiġu ndividwati dawk il-ħwienet kummerċjali li ma naqsu milli jagħmlu dan sabiex jekk hemm bżonn anke jiġu *black listed* mill-Kunsill, is-Sur Galea għarrafhom li għalkemm fl-ittra ma jissemmhiex il-każ partikulari, hu personalment jiftakar li kien il-każ tal-Mica Med li dwaru l-Kunsill kien ħallas fis-sena 2019 u li sad-data ta' meta kien effettivament ġie konkluż l-awditjar, kien tħallas biss parti mill-ħlas u għalhekk ma kienitx teżisti irċevuta fiskali u dan seħħ għax għad hemm saħansitra kwistjoni pendenti mal-istess Kuntrattur fejn aċċetta li jitnaqqsu l-ispejjeż skont l-istima tal-Perit tal-Kunsill mill-ħlas dovut lil Mica Med meta tiġi irritornata il-*performance guarantee* kawża tal-ħsarat li ġew ikkawżati fis-Sala tal-Komunità meta saret il-kunsinna tal-fanali li twaħħlu fit-Toroq Il-Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant.

48.3.5 Għaldaqstant, minħabba li nstab li għad fadal żmien biżżejjed sabiex tkun imwieġba l-istess ittra, il-Kunsill talab lis-Sur Galea sabiex fit-tweġiba jinkludi dawn il-kjarfiki biex eventwalment tkun tista' tiġi approvata r-risposta u eventwalment iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv u tintbagħat sad-data indikata.

## 48.4 Preżentazzjoni tal-*Management Report* tal-*Mid-Term Report*.

48.4.1 Fir-rigward tal-*Mid-Term Audit,* is-Sur Galea filwaqt li reġa' ippreċiża għall-benefiċċju tal-membri preżenti li għalkemm il-*Management Letter* kienet datata l-18 ta' Marzu 2019, li effettivament hi d-data meta fil-verità l-Kunsill Lokali Fontana kien ser jiddiskuti l-*Financial Statements* u li eventwalment ġew approvati biss fil-Laqgħa tal-24 ta' April 2019, il-Kunsill kien irċieva l-istess ittra fil-15 ta' Mejju 2019 jiġifieri ħafna aktar tard tant li l-Kunsill għadu fiż-żmien li jirrispondi l-ittra, spjega kif fil-*Management Letter* rispettiva l-Awditur kien tefa' dell mhux ġustifikat fuq il-Kunsill meta irrimarka biss dwar id-dewmien żejjed sabiex eventwalment ġie konkluż il-proċess u għalhekk il-Kunsill qabel ukoll li dan il-punt għandu jiġi ukoll iċċarat fir-risposta minħabba li kien l-Awditur li tawwal il-proċess biex issa qiegħed jipprova jindika li kien nuqqas min-naħa tal-Kunsill meta ma huwiex il-każ.

48.4.2 Għaldaqstant, minħabba li nstab li għad fadal żmien biżżejjed sabiex tkun imwieġba l-istess ittra, il-Kunsill talab ukoll lis-Sur Galea sabiex fit-tweġiba jinkludi ukoll dawn il-kjarfiki biex eventwalment tkun tista' tiġi approvata r-risposta u eventwalment iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv u tintbagħat sad-data indikata.

## 48.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.5.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-6.30p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

*Iffirmata* | *Iffirmata*

**Saviour Borg**
**Sindku**

**George Refalo**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**